# Gwida ġenerali għal liċenzja tal-kaċċa u għat-teħid tal-fenek bix-xibka

**Verżjoni aġġornata 13/03/2023**

**Kategoriji ta' liċenzji ġenerali**

1. Kaċċa tal-għasafar fuq l-art
2. Kaċċa tal-għasafar fuq il-baħar
3. Kaċċa tal-fenek selvaġġ bl-użu ta' arma tan-nar (senter jew *air rifle)*
4. Qbid tal-fenek selvaġġ bl-użu ta' xbieki, klieb u/jew nemes

Dawn il-liċenzji huma maħruġa għal perjodu ta' ħames snin.

**Awtoritajiet Responsabbli**

It-**Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi** (WBRU) hija responsabbli għar-regolamenti u l-liċenzjar tal-kaċċa u tal-insib. Dawn il-liċenzji huma regolati bir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (L.S. 549.42[1]) u bir-Regolamenti dwar il-Ħarsien tal-Fenek Selvaġġ (L.S. 549.90[2])

Liċenzjar għall-ġarr u użu ta' armi jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissarju tal-Pulizija. L-**Uffiċju tal-Armi** fil-Korp tal-Pulizija jamministra dak kollu li għandu x'jaqsam ma' tali liċenzji. Il-proċess huwa regolat mir-Regolamenti dwar il-Liċenzji għall-Armi (L.S. 480.02[3]).

**Proċedura tal-applikazzjoni għal liċenzja ġenerali tal-kaċċa:**

1) Persuna trid iġġib ittra ta' rakkomandazzjoni mingħand għaqda jew assoċjazzjoni tal-kaċċaturi rikonoxxuta li hija rreġistrata mal-Kummissarju għall-Għaqdiet Volontarji.

2) B'din l-ittra tapplika għand il-pulizija fl-Uffiċju tal-Armi għall-eżamijiet tal-liċenzji li tixtieq tpoġġi għalihom.

3) It-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi tiġi infurmata mill-Uffiċju tal-Armi, u l-istess WBRU tistieden lill-applikant sabiex iħallas il-miżata abbinata mal-eżamijiet skont il-kategorija ta' liċenzja li l-applikant applika għaliha. Kull eżami jiswa €30 filwaqt li *re-sit* jiswa €10. Il-ħlas isir bi flus kontanti (*cash*) fl-uffiċju tal-istess Taqsima jew permezz ta' ċekk.

4) Wara li jsir il-ħlas, id-WBRU tistieden lill-applikant jattendi għall-kors informattiv. Il-kors huwa obbligatorju u min jonqos milli jattendi ma jiġix msejjaħ sabiex ipoġġi għall-eżami tal-liċenzja. Matul il-kors l-applikanti jiġu mgħarrfa dwar ir-regolamenti, l-obbligi u r-responsabiltajiet ta' kaċċatur liċenzjat.

[1] http://justiceservices.gov.mt/DownloadDocument.aspx?app=lom&itemid=11548&l=2
[2] http://www.justiceservices.gov.mt/DownloadDocument.aspx?app=lom&itemid=11483&l=2
[3] http://www.justiceservices.gov.mt/DownloadDocument.aspx?app=lom&itemid=11315&l=2



122, TRIQ MISRAĦ IL-BARRIERI, Santa Venera, SVR1755 - MALTA
**TELEPHONE**: (+356) 22156102 / 22155607/8 **Email:** wildbirds@gov.mt

5) Wara l-kors, l-applikanti jirċievu ċertifikat ta' attendenza validu għall-żmien sena. F'din is-sena, wieħed jista' jpoġġi għar- *re-sit* f'każ li jkun weħel mill-eżami kif ukoll għandu l-opportunità li jpoġġi għal-eżamijiet oħra mingħajr il-bżonn li jerġa' jattendi għall-kors.

6) L-applikanti jirċievu appuntament sabiex ipoġġu għal-eżami bil-miktub. Fl-ittra li jirċievi l-applikant ikun hemm imniżżel id-data, il-post u il-ħin li fihom ikun ser isir l-eżami.

7) Il-karta tal-eżami tikkonsisti f'żewġ sezzjonijiet. L-ewwel parti tinvolvi mistoqsijiet rigward il-liġijiet filwaqt li t-tieni parti tinvolvi eżerċizzju ta' identifikazzjoni ta' tajr. L-eżami irid jitlesta f'mhux aktar minn siegħa.

8) L-applikant jiġi nnotifikat bir-riżultat permezz ta' ittra fi żmien għaxart ijiem wara li jkun għamel l-eżami.

9) Jekk ikun għadda mill-eżami, l-applikant irid iħallas is-sħubija u l-polza ta' assigurazzjoni ma' għaqda tal-kaċċaturi rikonoxxuta.

10) Wara din il-proċedura, l-applikant għandu jmur għand l-Uffiċju tal-Armi sabiex iħallas il-miżati dovuti lill-Pulizija. Wieħed għandu jieħu miegħu dawn id-dokumenti:

    i) Prova ta' sħubija ma' għaqda tal-kaċċa rikonoxxuta
    ii) Polza ta' assigurazzjoni

11) Wieħed għandu jżur it-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi sabiex ikun jista' jimla' l-formola tal-applikazzjoni u jħallas għall-*card* tal-liċenzja ġenerali li hija valida għal ħames snin. Il-ħlas dovut huwa ta' €50 għall-kull tip ta' liċenzja filwaqt li għat-teħid tal-fenek selvaġġ bix-xibka il-ħlas huwa ta' €25. Importanti li wieħed jieħu miegħu l-irċevuta ta' sħubija mal-għaqda tal-kaċċa, l-irċevuta tal-ħlas mogħtija mill-Pulizija kif ukoll ritratt daqs tal-passaport jekk il-persuna m'għandhiex diġa il-*card* tal-liċenzja ġenerali tal-kaċċa (għal xi kategorija ta' kaċċa oħra) valida għal ħames snin.

12) Il-*card* tal-liċenzja ġenerali flimkien mall-*booklet* għandhom ikunu lesti fi żmien xahar u jinġabru mill-uffiċju tad-WBRU.

13) L-applikanti li jkunu weħlu mill-eżami jerġgħu jiġu msejħa sabiex ipoġġu għall-*re-sit* mal-eżami li jkun imiss. Wieħed għandu jirċievi ittra bid-data ta' meta jkun ser isir l-eżami kif ukoll d-dati ta' meta jista' jsir il-ħlas għar-*re-sit.* Kull *re-sit* jiswa €10 u l-ħlas jista' jsir biss fl-Uffiċju tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi fid-dati speċifikati fl-ittra jew permezz ta' ċekk. Wieħed għandu jippreżenta ċ-ċertifikat validu ta' attendenza tal-kors preparatorju sabiex ikun jista' jsir il-ħlas.

14) Hija r-responsabbiltà tal-kaċċatur liċenzjat li jassigura li jġedded is-sħubija annwali f'għaqda tal-kaċċa rikonoxxuta, il-polza ta' assigurazzjoni u l-liċenzji tal-armi maħruġa mill-pulizija għal dik is-sena partikolari li l-kaċċa ħa tiġi pprattikata, matul il-perjodu ta' validità tal-liċenzja ġenerali.



122, TRIQ MISRAĦ IL-BARRIERI, Santa Venera, SVR1755 - MALTA
**TELEPHONE**: (+356) 22156102 / 22155607/8 **Email:** wildbirds@gov.mt

15) Liċenzja Ġenerali tal-kaċċa ma tintitulax lil dak li jkun sabiex jipprattika l-kaċċa matul perjodu ta' kwalunkwe deroga (eżempju kaċċa fir-rebbiegħa). Il-persuna li għandha l-liċenzja ġenerali għandha tapplika ukoll għal-liċenzja speċjali maħruġa għal kwalunkwe deroga speċifika.

**Proċedura tal-applikazzjoni għal liċenzja tat-Teħid tal-Fenek Selvaġġ bl-użu ta' xbieki, klieb u/jew nemes:**

1. Persuna trid iġġib ittra ta' rakkomandazzjoni mingħand għaqda jew assoċjazzjoni tal-kaċċaturi rikonoxxuta li hija rreġistrata mal-Kummissarju għall-Għaqdiet Volontarji.

2. B'din l-ittra tapplika għall-eżami tat-teħid tal-fenek selvaġġ għand it-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi.

3. It-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi tistieden lill-applikant sabiex iħallas il-miżata abbinata mal-eżami. Kull eżami jiswa €30 filwaqt li *re-sit* jiswa €10. Il-ħlas isir bi flus kontanti (*cash*) fl-uffiċju tal-istess Taqsima jew permezz ta' ċekk.

4. Wara li jsir il-ħlas, l-istess Taqsima (WBRU) tistieden lill-applikant sabiex jattendi għall-kors informattiv. Il-kors huwa obbligatorju u min jonqos milli jattendi ma' jiġix msejjaħ sabiex ipoġġi għall-eżami tal-liċenzja. Matul il-kors l-applikanti jiġu mgħarrfa dwar ir-regolamenti, l-obbligi u r-responsabiltajiet ta' kaċċatur liċenzjat.

5. Wara l-kors, l-applikanti jirċievu ċertifikat ta' attendenza validu għall-żmien sena. F'din is-sena, wieħed jista' jpoġġi għar-*re-sit* f'każ li jkun weħel mill-eżami kif ukoll għandu l-opportunità li jpoġġi għal-eżamijiet oħra mingħajr il-bżonn li jerġa' jattendi għall-kors.

6. L-applikanti jirċievu appuntament sabiex ipoġġu għal eżami bil-miktub. Fl-ittra li jirċievi l-applikant ikun hemm imniżżel id-data, il-post u l-ħin li fihom ikun ser isir l-eżami.
7. L-eżami jikkonsisti min mistoqsijiet relatati mal-liġi tal-kaċċa u t-teħid tal-fenek selvaġġ bix-xibka. L-eżami irid jitlesta f'mhux aktar minn siegħa.

8. L-applikant jiġi nnotifikat bir-riżultat permezz ta' ittra fi żmien għaxart ijiem wara li jkun għamel l-eżami.

9. Jekk ikun għadda mill-eżami, wieħed għandu jżur it-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi sabiex ikun jista' jimla' l-formola tal-applikazzjoni u jħallas għall-*card* tal-liċenzja ġenerali li hija valida għal ħames snin. Il-ħlas dovut għall-liċenjzja għat-teħid tal-fenek selvaġġ bix-xibka huwa ta' €25. Importanti li wieħed jieħu miegħu l-irċevuta ta' sħubija mal-għaqda tal-kaċċa, kif ukoll ritratt daqs tal-passaport jekk il-persuna m'għandhiex diġa il-*card* tal-liċenzja ġenerali tal-kaċċa valida għal ħames snin.

10. Il-*card* tal-liċenzja ġenerali flimkien mall-*booklet* għandhom ikunu lesti fi żmien xahar u jinġabru mill-uffiċju tad-WBRU.

11. L-applikanti li jkunu weħlu mill-eżami jerġgħu jiġu msejħa sabiex ipoġġu għall-*re-sit* mal-eżami li jkun imiss. Wieħed għandu jirċievi ittra bid-data ta' meta jkun ser isir l-eżami kif ukoll d-dati ta' meta jista' jsir il-ħlas għar-*re-sit.* Kull re-sit jiswa €10 u l-ħlas jista' jsir biss fl-Uffiċju tat-



122, TRIQ MISRAĦ IL-BARRIERI, Santa Venera, SVR1755 - MALTA
**TELEPHONE**: (+356) 22156102 / 22155607/8 **Email:** wildbirds@gov.mt

Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi fid-dati speċifikati fl-ittra jew permezz ta' ċekk. Wieħed għandu jippreżenta ċ-ċertifikat validu ta' attendenza tal-kors preparatorju sabiex jkun jista' jsir il-ħlas.

12. Hija r-responsabbiltà tal-persuna liċenzjata li jassigura li jġedded is-sħubija annwali f'għaqda tal-kaċċa.

**NB**: Mill-11 t'Ottubru 2016 (id-data meta daħlu fis-seħħ ir-Regolamenti tal-2016 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Pulizija: A.L. 288/2016), il-miżata ta' €13.98 tal-pulizija għall-użu tax-xibka ma baqgħetx titħallas.



122, TRIQ MISRAĦ IL-BARRIERI, Santa Venera, SVR1755 - MALTA
**TELEPHONE**: (+356) 22156102 / 22155607/8 **Email:** wildbirds@gov.mt

# Guidance note for the acquisition of a hunting licence and licence to capture live wild rabbit using nets

**Updated version 13/03/2023**

## Categories of general licence

There are, at present, the following categories of general hunting licence:

1. Hunting of birds on land
2. Hunting of birds at sea
3. Hunting of wild rabbit using shotgun or air rifle
4. Live-capture of wild rabbit using nets, dogs and/or ferrets

These general licences are issued for a period of five years.

**Responsible authorities**

The **Wild Birds Regulation Unit (WBRU)** is responsible for regulating and issuing all forms of hunting and live-capturing licences. These licences are regulated by the Conservation of Wild Birds Regulations (Subsidiary Legislation 549.42[4]) and by the Protection of Wild Rabbit Regulations (Subsidiary Legislation 549.90[5]).

Licences for the keeping and carrying of firearms fall under the responsibility of the **Commissioner of Police**. Within the Malta Police Force, the **Weapons Office** administers all matters concerning such licences. The process is regulated by the Arms Licensing Regulations (S.L. 480.02[6]).

**Procedure for applying for a general hunting licence:**

1) The interested person needs to obtain a letter of recommendation from a recognised hunting association, which is registered with the Commissioner for Voluntary Organisations.

2) With this letter, the person may proceed to the Police Weapons Office to apply for the exam.

3) The Wild Birds Regulation Unit is informed of the application by the Police Weapons office and in turn, the Unit requests the applicant to pay a fee of €30 per exam according to the licence category applied for. The fee for a resit is €10. Payment is made in cash at the office of the Wild Birds Regulation Unit or through cheque.

4) Following settlement of payment, WBRU sets an appointment for the person to attend an informative course. The course is obligatory and those who fail to attend would not be invited to sit for the exam. During the course, applicants are given an insight on the regulation, responsibilities and legal obligations concerning hunting licences.

---

[4] http://justiceservices.gov.mt/DownloadDocument.aspx?app=lom&itemid=11548&l=2
[5] http://www.justiceservices.gov.mt/DownloadDocument.aspx?app=lom&itemid=11483&l=2
[6] http://www.justiceservices.gov.mt/DownloadDocument.aspx?app=lom&itemid=11315&l=2



122, TRIQ MISRAĦ IL-BARRIERI, Santa Venera, SVR1755 - MALTA
**TELEPHONE**: (+356) 22156102 / 22155607/8 **Email:** wildbirds@gov.mt

5) Applicants receive a certificate of attendance which is valid for a period of one year. During this period one may sit for a re-sit in case of failure and may also sit for other categories of licences without the need of re-attending the course.

6) The applicant receives a letter with date, venue and the time in which the exam will take place.

7) The exam paper is divided into two sections; the first section consists of questions related to applicable legislations whilst the second section is a bird identification exercise.

8) The applicant will be notified of the result by letter within 10 days following the completion of the examination.

9) Once successfully passed the exam, applicant can now proceed to pay the membership and insurance policy with a recognised hunting association.

10) Following completion of this procedure the applicant should visit the Police Weapons Office to pay the respective Police fees The following documents are requested:

    i. Valid membership in a recognised hunting organisation
    ii. Insurance policy

11) The above-mentioned documents together with receipt of payment of Police fees and a passport size photo should be presented to the Wild Birds Regulation Unit. A photo is not required for applicants who are already in possession of a general licence card for another licence category. One is also required to fill in the application form and pay for the general licence card which is valid for 5 years. Each category of licence costs €50 whilst live-capturing of wild rabbit using nets, ferrets and/or dogs costs €25.

12) The licence card and booklet should be ready within a month's time and are to be collected form WBRU office.

13) Applicants who fail to pass from the exam will be called to sit for a re-sit with the following exam session. Applicants will recieve a letter indicating date of exam and dates within which payment may be settled. The fee for a re-sit is €10 and may be paid at the Wild Birds Regulation Unit within the stipulated dates or by cheque. Payments will only be accepted apon presentation of a valid certificate of attendance for the preparatory course.

14) It is the responsibility of the licensed hunter to ensure that he / she renews the annual membership in a hunting organisation, insurance and police weapons licence every year that hunting is intended to be practiced, during the period of five-year validity of the general licence.

15) A General hunting licence does not entitle one to practice hunting during the period of any derogation (e.g. hunting in spring). For this, the general licence holder must also apply for a special licence issued for any specific derogation.

**Procedure for applying for a licence to capture live wild rabbit using nets, dogs and/or ferrets**



122, TRIQ MISRAĦ IL-BARRIERI, Santa Venera, SVR1755 - MALTA
**TELEPHONE**: (+356) 22156102 / 22155607/8 **Email:** wildbirds@gov.mt

1) The interested person needs to obtain a letter of recommendation from a recognised hunting association, which is registered with the Commissioner for Voluntary Organisations.

2) With this letter, the person may proceed to the Wild Birds Regulation Unit's office to apply for the exam.

3) The Wild Birds Regulation Unit requests the applicant to pay a fee of €30 per exam. The fee for a resit is €10. Payment is made in cash at the office of the Wild Birds Regulation Unit or through cheque.

4) Following settlement of payment, WBRU sets an appointment for the person to attend an informative course. The course is obligatory and those who fail to attend would not be invited to sit for the exam. During the course, applicants are given an insight on the regulation, responsibilities and legal obligations concerning hunting licences.

5) Applicants receive a certificate of attendance which is valid for a period of one year. During this period one may sit for a re-sit in case of failure and may also sit for other categories of licences without the need of re-attending the course.

6) The applicant receives a letter with date, venue and the time in which the exam will take place.

7) The exam consists of a set of questions related to legislation concerning the hunting and live capturing of wild rabbit. Candidates are given an hour time to answer all questions.

8) The applicant will be notified of the result by letter within 10 days following the completion of the examination.

9) Once successfully passed the exam, applicant should visit the Wild Birds Regulation Unit to fill in the application form and pay for the general licence card which is valid for 5 years. Licence for the live-capturing of wild rabbit using nets, ferrets and/or dogs costs €25. Applicants are requested to present proof of membership with a recognised hunting organisation and a passport size photo. The photo is not required for applicants who are already in possession of a valid hunting licence card.

10) The licence card and booklet should be ready within a month's time and are to be collected form WBRU office.

11) Applicants who fail to pass from the exam will be called to sit for a re-sit with the following exam session. Applicants will recieve a letter indicating date of exam and dates within which payment may be settled. The fee for a re-sit is €10 and may be paid at the Wild Birds Regulation Unit within the stipulated dates or by cheque. Payments will only be accepted apon presentation of a valid certificate of attendance for the preparatory course.

12) It is the responsibility of the licensee to ensure that he / she renews the annual membership in a hunting organisation during the period of five-year validity of the general licence.



122, TRIQ MISRAĦ IL-BARRIERI, Santa Venera, SVR1755 - MALTA
**TELEPHONE**: (+356) 22156102 / 22155607/8 **Email:** wildbirds@gov.mt

**NB:** As from the 11th of October 2016 (date when the Regulations of 2016 amending Regulations on Police Licences [A.L. 288/2016] came into force), the fee of €13.98 previously paid to the Police for the use of nets no longer applies.



122, TRIQ MISRAĦ IL-BARRIERI, Santa Venera, SVR1755 - MALTA
**TELEPHONE**: (+356) 22156102 / 22155607/8 **Email:** wildbirds@gov.mt